**A.L. 33 ta' l-1983**

# ORDINANZA TA' L-1959 DWAR SELF LOKALI ('STOCK' U TITOLI REĠISTRATI) BDIL TA' 'STOCK'

## Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-Bdil ta' Lm6,200,000 5½% 'Stock' Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1979-83 (l-ewwel u t-tieni ħarġa) u 1980-83 (l-ewwel u t-tieni ħarġa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 31 (a) ta' l-Ordinanza ta' l-1959 dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) il-Ministru tal-Finanzi iddikjara li Lm6,200,000 5½% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1979-83 (l-ewwel u t-tieni ħarġa) u 1980-83 (l-ewwel u t-tieni ħarġa), li għandu jitħallas lura fil-11 ta' Lulju, 1983, jista' jinbidel fi stock reġistrat li joħroġ skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza.

Skond l-artikoli 31 (b) u 32 ta' l-imsemmija Ordinanza l-Ministru awtorizza wkoll, li għall-bdil ta' Lm6,200,000 5½% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1979-83 (l-ewwel u t-tieni ħarġa) u 1980-83 (l-ewwel u t-tieni ħarġa), għandu jiġi maħluq u maħruġ *Stock* Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp 1989 bis-6¼% kif ġej:

Mod tal-ħruġ ta' l-*istock*.

**1.** (a) L-*istock* jiġi maħruġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni. Meta jitħallas għal kollox l-*istock* jiġi reġistrat. Applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-*istock* għal dawk li diġà għandhom 5½% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1979-83 (l-ewwel u t-tieni ħarġa) u 1980-83 (l-ewwel u t-tieni ħarġa), jiftħu fid-9 ta' fil-għodu t-Tnejn, il-11 ta' Lulju, 1983, u jagħlqu f'nofs in-nhar, dak inhar stess.

(b) Applikazzjonijiet mingħand il-pubbliku ġenerali għall-bilanċ li jibqa' mhux mittieħed mill-i*Stock* Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp 1989 bis-6¼% jintlaqgħu t-Teżor, bejn id-9 ta' fil-għodu tat-Tnejn, il-11 ta' Lulju, 1983, u nofs in-nhar ta' dak inhar stess, jew qabel jekk l-*istock* jittieħed kollu, fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

**2.** Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-*istock* tkun ta' Lm6,200,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

**3.** L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fil-11 ta' Jannar u fil-11 ta' Lulju ta' kull sena matul il-kors ta' l-*istock*. L-ewwel ħlas ta' Lm3.12,5 kull Lm100 *stock* relattivament għall-perijodu bejn il-11 ta' Lulju, 1983 u l-10 ta' Jannar, 1984, għandu jsir fil-11 ta' Jannar, 1984.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament.

**4.** Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm92,397 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-i*stock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien sena mill-11 ta' Lulju, 1983.

Fidwa ta' l-istock.

5. L-i*stock* għandu jiġi mifdi b'parità f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 1989 u l-31 ta' Diċembru, 1989 (iż-żewġ dati magħdudin), kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta. L-i*stock* jiġi mifdi biss mal-konsenja taċ-ċertifikat ta' l-i*stock* maħruġ.